# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF CHRISTIAN FALZON SCERRI**
**ONOR. IMĦALLEF JOSETTE DEMICOLI**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, 15 ta' Lulju, 2025**

**Numru 6**

**Rikors numru 867/2016/2JVC**

**Josephine *sive* Joyce Dimech**

**v.**

**Pasqualino *sive* Lino Chircop**

**Il-Qorti:**

1. Dan huwa appell kontra sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tal-31 ta' Ottubru, 2023 imressaq mill-attriċi, li permezz tagħha laqgħet l-eċċezzjoni tal-konvenut li l-attriċi kienet nieqsa mill-interess ġuridiku biex tmexxi b'din il-kawża u b'hekk ċaħdet it-talbiet kollha tagħha.

**Daħla**

2. B'rikors maħluf tad-29 ta' Settembru, 2016, l-attriċi fissret li l-konvenut u hija huma wlied il-mejjet Victor Chircop li ħalla din id-dinja nhar is-6 ta' Settembru, 2016.

3. L-attriċi tgħid li sa fejn taf, ħuha u hija huma l-uniċi eredi ta' missierhom. Tissokta tgħid li hija tixtieq li ssir id-diviżjoni ta' din l-eredità. Tgħid ukoll li l-konvenut qiegħed japproprja għalih flejjes u jagħmel użu minn proprjetà formanti parti mill-istess eredità. Fissret ukoll li ż-żewġ partijiet ingħataw donazzjonijiet mill-mejjet tul ħajtu, u jeħtieġ li fl-istess eżerċizzju tad-diviżjoni ssir kumpensazzjoni mill-konvenut favur tagħha sabiex issir diviżjoni ekwa u b'rispett sħiħ tal-liġi.

4. Kien għalhekk li l-attriċi fetħet din il-kawża u talbet lill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili sabiex:

> *«1. Tiddikjara li l-kontendenti huma l-eredi universali tad-de cuius Victor Chircop detentur tal-karta tal-identità 195433(M) li miet nhar is-6 ta' Settembru 2016.*
>
> *2. Tillikwida, okkorrendo permezz ta' periti nominandi, il-massa ereditarja tal-istess de cuius Victor Chircop.*
>
> *3. Tiddividi, okkorrendo permezz ta' periti nominandi, l-istess massa ereditarja f'porzjonijiet ugwali bejn il-kontendenti u tagħti dawk l-ordnijiet u direttivi neċessarji u opportuni sabiex titwettaq tali diviżjoni.*
>
> *Bl-ispejjeż kontra l-intimat li huwa minn issa nġunt in subizzjoni.»*

5. Il-konvenut ressaq tweġiba maħlufa fil-25 ta' Ottubru, 2016 u eċċepixxa hekk:

> *«1. Preliminarjament, l-attriċi għandha tiddikjara l-fatti kollha magħrufa lilha dwar l-eredità ta' missierha, tipprezenta d-dokumenti kollha relattivi u tipprova l-interess ġuridiku tagħha fl-azzjoni proposta minnha.*
>
> *L-attriċi ddikjarat biss li 'sa fejn taf ir-rikorrenti hi u l-intimat [huma] l-uniċi eredi ta' missierhom'. Dan minkejja li ma ppreżentat ebda prova skont il-liġi dwar kif tinsab regolata l-istess eredità, filwaqt li taf tajjeb li ġiet diżereditata għar-raġunijiet serji validi fil-liġi bit-testment unica charta tal-ġenituri tal-partijiet pubblikat min-Nutar Mary Grech Pace fit-12 ta' Mejju 1999; u li preżentement hemm pendenti talba quddiem din il-Qorti, kif presjeduta, għal dikjarazzjoni li t-tesment modifikattiv tal-ġenituri tal-partijiet pubblikat min-Nutar Pierre Falzon fit-13 ta' Frar 2015 huwa null u ma jiswiex (Rik. Gur. Nru. 267/2016LSO).*
>
> *2. Preliminarjament ukoll, u mingħajr preġudizzju għall-ewwel eċċezzjoni, l-intempestività tal-azzjoni attriċi inkwantu diretta biex l-attriċi tottjeni dikjarazzjoni ġudizzjarja li hija u l-eċċipjent huma eredi ta' missierhom Victor Chircop, billi l-attriċi naqset li turi min għandu jedd għall-istess eredità, filwaqt li f'każ li jirriżulta li l-eċċipjent huwa eredi ta' missieru, huwa għad irid jikkunsidra jekk jaċċettax il-wirt jew jirrinunzjax għalih, wara li din il-Qorti tiddeċiedi dwar it-talba rikonvenzjonali tiegħu.*
>
> *3. Fil-mertu u f'kull każ, it-talbiet attriċi huma infondati fil-fatt u fid-dritt u għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż.*
>
> *Salvi eċċezzjonijiet ulterjuri wara li l-attriċi tipproduċi l-provi skont il-liġi dwar kif tinsab regolata l-eredità ta' missier il-kontendenti Victor Chircop.»*

6. Il-konvenut ressaq kontrotalba fejn fisser li Cetta Chircop mietet nhar it-13 ta' Novembru, 2015 u mir-riċerki testamentarji tagħha jidher li kienet għamlet b'kollox tliet testmenti *unica charta* flimkien ma' żewġha, tnejn fl-atti tan-Nutar Mary Grech Pace tal-15 ta' Mejju, 1995 u tat-12 ta' Mejju, 1999, u l-ieħor fl-atti tan-Nutar Pierre Falzon tat-13 ta' Frar, 2015.

7. Huwa ssokta jgħid li bit-testment tagħhom tat-12 ta' Mejju, 1999 Victor Chircop u Cetta Chircop ħassru t-testmenti preċedenti tagħhom, ħallew b'titlu

ta' legat favur xulxin l-użufrutt ġenerali ta' ġidhom, eżentaw lilu mill-obbligu li jikkonferixxi fil-qasma tal-wirt dak kollu soġġett għall-kollazzjoni u nnominaw lilu biss bħala eredi universali tagħhom. Dan filwaqt li ddiżereditat lill-attriċi rikonvenzjonata u lil uliedha fit-termini tal-**Artikoli 622** u **623 tal-Kodiċi Ċivili**.

8. Il-konvenut rikonvenzjonant jisħaq li t-testment ta' Victor u Cetta Chircop ippubblikat min-Nutar Pierre Falzon fit-13 ta' Frar, 2015 huwa null minħabba li fost oħrajn ma jidhirx li ġie ppubblikat fil-preżenza ta' żewġ xhieda, u f'kull każ huwa nieqes minn ħtiġijiet meħtieġa bil-liġi għall-validità tiegħu. Għaldaqstant huwa talab lill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili *«jogħġobha tiddikjara u tiddeċiedi li t-testment ta' Victor Chircop pubblikat min-Nutar Pierre Falzon fit-13 ta' Frar, 2015 huwa nieqes minn ħtiġijiet essenzjali meħtieġa għall-validità tiegħu, u konsegwentement null u ma jiswiex. Bl-ispejjeż kontra l-attriċi li tibqa' nġunta minn issa għas-subizzjoni.»*

9. L-attriċi rikonvenzjonata ressqet it-tweġiba maħlufa tagħha tat-2 ta' Diċembru, 2016 u eċċepiet:

> *«1. Illi l-azzjoni rikonvenzjonali ta' Pasqualino sive Lino Chircop hija intempestiva u fi kwalsiasi każ l-istess Pasqualino sive Lino Chircop m'għandux l-interess ġuridiku neċessarju sabiex jippromovi tali azzjoni u dan fid-dawl tat-tieni eċċezzjoni mqajma mill-istess Pasqualino sive Lino Chircop fir-risposta ġuramentata tiegħu ta'l-4 ta' Mejju 2016 għar-rikors ġuramentat promotur;*
> *3. Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost it-talba rikonvenzjonali ta' Pasqualino sive Lino Chircop hija infondata fil-fatt u fid-dritt stante li din it-talba hija mingħajr fundament ġuridiku u fattwali u intiża biss biex tilqa' għat-talbiet tal-esponenti fir-rikors ġuramentat promotur;*

*4. Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost it-testment ippublikat min-Nutar Pierre Falzon fit-13 ta' Frar 2015 huwa validu fil-liġi kif ser jiġi ppruvat fil-mori ta' din il-kawża;*

*5. Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost l-intimat Pasqualino sive Lino Chircop fl-azzjoni rikonvenzjonali tiegħu jiddikjara: "Illi l-imsemmi testment ta' Victor u Cetta Chircop pubbblikat min-Nutar Pierre Falzon fit-13 ta' Frar 2015 huwa null għal finijiet u l-effetti kollha tal-liġi, minħabba li fost l-oħrajn ma jidhirx li ġie pubblikat fil-preżenza ta' żewġ xhieda, u f'kull każ huwa nieqes minn ħtiġijiet rikjesti bil-liġi għall-validità tiegħu", mingħajr ma jindika jew jagħti ħjiel ta' x'inhuma l-ħtiġijiet rikjesti bil-liġi għall-validità tiegħu li huma mankanti fit-testment minnu indikat. Għalhekk fl-ewwel lok l-intimat Pasqualino sive Lino Chircop għandu jiddikjara b'mod immedjat x'inhuma dawn il-ħtiġijiet rikjesti bil-liġi u li huma mankanti u fit-tieni lok l-esponenti qiegħda tirriżerva d-dritt li tressaq eċċezzjonijiet ulterjuri wara li l-intimat jagħmel tali dikjarazzjoni.*

*Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.»*

10. Skont ma jirriżulta mill-verbal tat-8 ta' Novembru, 2016 id-difensuri tal-partijiet qablu li l-provi li jinġabru f'din il-kawża jgħoddu wkoll għall-kawża li ġġib in-numru 267/2016 bejn l-istess partijiet u li se tiġi deċiża llum ukoll.

11. B'sentenza mogħtija fis-27 ta' Ġunju, 2019, il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili ddeċidiet il-kontrotalba u dan billi filwaqt li ċaħdet l-eċċezzjonijiet kollha tal-attriċi rikonvenzjonata għall-istess kontrotalba, laqgħet it-talba tal-konvenut u ddikjarat li t-testment ta' Victor Chircop ippubblikat min-Nutar Pierre Falzon fit-13 ta' Frar, 2015 huwa null u ma jiswiex.

12. L-attriċi ressqet appell minn din id-deċiżjoni permezz tar-rikors tagħha tas-17 ta' Lulju, 2019, liema appell ġie deċiż b'sentenza tas-6 ta' Ottubru, 2020. Il-Qorti tal-Appell ċaħdet l-appell tal-attriċi u għaldaqstant ikkonfermat is-

sentenza appellata u l-atti ntbagħtu lura quddiem l-Ewwel Qorti sabiex tiġi deċiża l-azzjoni attriċi.

13. B'sentenza mogħtija fil-31 ta' Ottubru, 2023, il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili ddeċidiet il-kawża hekk:

> *«Għaldaqstant għar-raġunijiet kollha suesposti din il-Qorti taqta' u tiddeċiedi l-kawża odjerna billi tilqa' l-ewwel eċċezzjoni tal-intimat Pasqualino sive Lino Chircop stante li rriżulta l-karenza ta' interess ġuridiku tar-rikorrenti fit-talbiet kif promossi minnha għar-raġunijiet spjegati u bħala konsegwenza tgħaddi sabiex tiċħad it-talbiet kollha tar-rikorrenti. Il-kwistjoni tal-validità o meno tad-diżeredazzjoni tar-rikorrenti tibqa' impreġudikata bejn il-partijiet.»*

14. Ir-raġunijiet li wasslu lill-Ewwel Qorti biex taqta' l-kawża b'dan il-mod huma dawn:

> *«**Ikkunsidrat***
>
> *Illi minn ħarsa lejn ir-rikors promotur jirriżulta li l-kawża odjerna hija l-actio familiae erciscundae fejn ir-rikorrenti Josephine sive Joyce Dimech qiegħda titlob il-likwidazzjoni u d-diviżjoni tal-massa ereditarja tal-mejta missierha Victor Chircop li ġie nieqes nhar is-6 ta' Settembru, 2016 (fol. 5). Ir-rikorrenti Dimech issostni li ż-żewġ partijiet ġew nominati bħala uniċi eredi ta' missierhom Victor Chircop u għalhekk tixtieq id-diviżjoni tal-eredità tiegħu.*
>
> *Illi l-intimat eċċepixxa li r-rikorrenti għandha tiddikjara l-fatti kollha magħrufa lilha dwar l-eredità ta' missierha, tippreżenta d-dokumenti kollha relattivi u tipprova l-interess ġuridiku tagħha fl-azzjoni minnha proposta. Sostna li r-rikorrenti ddikjarat biss li 'sa fejn taf r-rikorrenti hi u l-intimat [huma] l-uniċi eredi ta' missierhom', dan minkejja li ma ppreżentat l-ebda prova skont il-liġi dwar kif tinsab regolata l-istess eredità, filwaqt li taf tajjeb li ġiet diżeredata għal raġunijiet serji validi fil-liġi bit-testment unica charta tal-ġenituri ppublikat min-Nutar Mary Grech Pace fit-12 ta' Marzu, 1999 u li preżentement hemm pendenti talba quddiem din il-Qorti għal dikjarazzjoni li t-testment modifikattiv tal-ġenituri tal-partijiet ppubblikat min-Nutar Pierre Falzon fit-13 ta' Frar, 2015 huwa null u ma jiswiex (Rik. Ġur. Nru: 267/2016). Fit-tieni lok l-intimat eċċepixxa preliminarjament u mingħajr preġudizzju għall-ewwel eċċezzjoni l-intempestività tal-azzjoni attriċi inkwantu diretta biex ir-rikorrenti tottjeni dikjarazzjoni ġudizzjarja li hi u l-intimat huma eredi ta' missierhom Victor Chircop, billi r-rikorrenti naqset turi min għandu jedd għall-istess eredità filwaqt*

*li jekk jirriżulta li l-intimat huwa eredi ta' missieru huwa għadu jrid jikkunsidra jekk jaċċettax l-wirt jew jirrinunzjax għalih, wara li din il-Qorti tiddeċiedi dwar it-talba rikonvenzjonali tiegħu. Imbagħad fil-mertu eċċepixxa li t-talbiet attriċi huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż.*

*Illi l-intimat Chircop ipproċeda wkoll bl-intavolar ta' kontro-talba fejn sostna li t-testment ta' missieru Victor Chircop datat 13 ta' Frar, 2015 fl-atti tan-Nutar Pierre Falzon huwa null għall-finijiet u effetti tal-liġi, minħabba, li fost oħrajn, ma jidhirx li ġie ppubblikat fil-preżenza ta' żewġ xhieda u huwa nieqes mill-ħtiġijiet rikjesti bil-liġi għall-validità tiegħu.*

*Illi b'deċiżjoni preliminari tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili datata 27 ta' Ġunju, 2019 (fol. 251), dwar it-talbiet rikonvenzjonali magħmula mill-intimat, il-Qorti kif diversament preseduta ddeċidiet billi filwaqt li ċaħdet l-eċċezzjonijiet tal-attriċi rikonvenzjonata għall-Kontrotalba għar-raġunijiet spjegati, laqgħet it-talba tal-intimat rikonvenzjonant u ddikjarat u ddeċidiet li t-testment ta' Cetta Chircop ippubblikat fit-13 ta' Frar, 2015 fl-atti tan-Nutar Pierre Falzon huwa nieqes minn ħtiġijiet essenzjali meħtieġa għall-validità tiegħu u konsegwentement huwa null u ma jiswiex. Din id-deċiżjoni ġiet ikkonfermata mill-Qorti tal-Appell fis-6 ta' Ottubru, 2020 (a fol. 41 tal-proċess tal-Qorti tal-Appell).*

*Illi fid-dawl tad-deċiżjoni tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili, kkonfermata fl-Appell, stante li l-aħħar testment ta' Cetta Chircop ġie dikjarat null, it-testment applikabbli fiċ-ċirkostanzi huwa dak tat-12 ta' Mejju, 1999 fl-atti tan-Nutar Mary Grech Pace (fol. 92). Illi fl-imsemmi testment tat-12 ta' Mejju, 1999 it-testatriċi Cetta Chircop, fis-seba' artikolu, iddiżereditat lil bintha Josephine sive Joyce Dimech u lill-uliedha u dan ai termini tal-Artikoli 623 tal-Kodiċi Ċivili Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta u fejn iddikjarat illi bintha flimkien ma' wliedha pubblikament sawtu lit-testatriċi u ta' dan l-aġir instabu ħatja mill-Qorti tal-Maġistrati. Dan apparti atti oħra ta' moħqrija u diżrispett di fronte għat-testatriċi fl-imgħoddi:*

*' Is-Seba' Artikolu.*

*It-testaturi jiddikjaraw illi huma qegħdin jiddiżeredetaw lil binthom Josephine magħrufa bhala Joyce Dimech mart Carmelo Dimech u lil uliedha u ai termini tal-Artikoli sitt mija u tnejn u ghoxrin (622) u sitt mija u tlieta u għoxrin (623) tal-Kodiċi Ċivili, Kapitolu Sittax tal-Liġijiet ta' Malta, it-testaturi jiddikjaraw illi l-imsemmija binthom Josephine magħrufa bħala Joyce Dimech flimkien mal-erba' uliedha u żewġha pubblikament sawtu lit-testaturi u ta' dana l-aġir nstabu ħatja hekk kif jidher mid-deċiżjonijiet tal-Qorti tal-Magistrati li kopji tagħhom qed jiġu hawn annessi ma' dan it-testment bħala Dokumenti markati b'ittra "A", "B", "C" u "D".'.*

***Ikkunsidrat ulterjorment:***

***<u>L-ewwel eċċezzjoni preliminari – nuqqas ta' interess ġuridiku tar-rikorrenti fit-talbiet proposti:</u>***

*Illi l-intimat Pasqualino sive Lino Chircop bħala l-ewwel eċċezzjoni preliminari eċċepixxa lr-rikorrenti għandha tiddikjara l-fatti kollha magħrufa lilha dwar l-*

*eredità ta' missierha, tippreżenta d-dokumenti kollha relattivi u tipprova l-interess ġuridiku tagħha fl-azzjoni proposta minnha.*

*Illi t-talbiet proposti mir-rikorrenti fir-rikors promotur bażikament huma tlieta li jitrattaw (i) dikjarazzjoni li l-partijiet f'din il-kawża huma eredi universali tal-mejjet Victor Chircop, (ii) likwidazzjoni tal-massa ereditarja tal-istess Victor Chircop, u, finalment (iii) diviżjoni tal-istess massa ereditarja ta' Victor Chircop f'porzjonijiet ugwali bejn il-kontendenti u tagħti dawk l-ordnijiet u direttivi neċessarji u opportuni sabiex titwettaq tali diviżjoni.*

*Illi l-Qorti tinnota li inizjalment ir-rikorrenti Josephine sive Joyce Dimech kellha l-interess ġuridiku necessarju fit-talbiet proposti minnha, billi l-wirt u suċċessjoni tal-mejjet missierha Victor Chircop kien regolat bit-testment tat-13 ta' Frar, 2015 atti Nutar Pierre Falzon. Fl-imsemmi testment ir-rikorrenti u l-intimat kienu nominati bħala werrieta. Madanakollu l-affarijiet inbidlu bid-dikjarazzjoni ta' nullità tal-imsemmi testment tat-13 ta' Frar, 2015 atti Nutar Pierre Falzon bis-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili tas-27 ta' Ġunju, 2019 (fol. 251) ikkonfermata fl-Appell, fejn ir-rikorrenti ma baqgħetx aktar eredi stante li fit-testment preċedenti ta' Victor Chircop tat-12 ta' Mejju, 1999 atti Nutar Mary Grech Pace hija ġiet diżeredata.*

*.....*

*Illi fil-każ odjern id-dikjarazzjoni tan-nullità tat-testment tat-13 ta' Frar, 2015 atti Nutar Pierre Falzon bid-deċiżjoni tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili, kif ikkonfermata mill-Qorti tal-Appell, biddlet it-termini tal-vertenza billi issa l-kawza m'għadiex waħda ta' diviżjoni tal-eredità ta' Victor Chircop però kontestazzjoni tad-diżeredazzjoni u konsegwenti ħlas tas-sehem riżervat. Kif ritenut diversi drabi, l-Imħallef ċivili, għandu, fl-għoti tas-sentenza f'kawża, joqgħod rigorożament fil-limiti tal-kontestazzjoni b'mod illi waqt li hu obbligat jokkupa ruħu mill-kwistjonijiet kollha dedotti fil-ġudizzju mill-partijiet, minn naħa l-oħra ma jistax jitratta u jirriżolvi kwistjonijiet li l-partijiet ma ssollevawx u ma ssottomettewx għad-deċiżjoni tiegħu, ammenokke non si tratta minn kwistjonijiet ta' ordni pubbliku li l-Imħallef hu obbligat jirrileva "ex officio".*[1]

*Illi fiċ-ċirkostanzi l-Qorti hija tenuta toqgħod fit-termini tal-vertenza u b'mod partikolari fit-termini ta' dak mitlub fir-rikors promotur għalhekk tqis li hija prekluża milli tiddeċiedi l-azzjoni odjerna. Dan kuntrarjament għal kif tittenta targumenta r-rikorrenti fin-nota ta' sottomissjonijiet tagħha. Il-Qorti ma tistax tipproċedi billi huwa ċar li l-interess ġuridiku tar-rikorrenti fit-talbiet kif promossi ma baqax jissussisti malli ngħatat id-deċiżjoni tan-nullità tat-testment. Jsegwi li l-azzjoni odjerna kif dedotta mill-istess attriċi ma tistax treġi.*

*Ġaladarba l-Qorti ser tgħaddi sabiex tilqa' l-ewwel eċċezzjoni tal-intimat li r-rikorrenti m'għandhiex interess fit-talbiet kif promossi, l-Qorti f'dan l-istadju m'għandhiex għalfejn tinoltra ruħha oltre fl-eċċezzjonijiet l-oħra.»*

[1] *Ara deċiżjonijiet fl-ismijiet* ***Joseph Gatt -vs- Joseph Galea*** *tat-12 ta' Lulju, 1965 deċiża mill-Qorti tal-Appell u* ***Regina mart Francis Cacciottolo -vs- Francis Cacciottolo*** *tat-30 ta' Ġunju, 1976 deċiża mill-Qorti tal-Appell.*

15. L-attriċi appellat minn din is-sentenza b'rikors tat-30 ta' Novembru, 2023 b'aggravju waħdieni li l-Ewwel Qorti wettqet applikazzjoni ħażina tal-liġi meta ddikjarat li hija kienet tilfet l-interess ġuridiku li tissokta bil-kawża mressqa minnha.

16. Il-konvenut appellat ressaq tweġiba fis-6 ta' Mejju, 2024 fejn ta r-raġunijiet għala l-appell għandu jiġi miċħud.

17. Il-Qorti wara li rat l-atti kollha tal-kawża, tqis li m'hemmx il-ħtieġa li tqiegħed dan l-appell għas-smigħ u b'hekk sejra tgħaddi minnufih għas-sentenza b'riħet l-**Artikolu 152(5) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili**.

**Konsiderazzjonijiet:**

18. L-azzjoni attriċi kif imressqa, hekk kif iddeskrivitha tajjeb l-Ewwel Qorti, hija dik magħrufa bħala l-*actio familiae erciscundae*. Kemm hu hekk, l-attriċi talbet: (i) dikjarazzjoni li l-partijiet huma l-eredi universali tal-mejjet Victor Chircop; (ii) li tiġi likwidata l-massa ereditarja; u (iii) li d-diviżjoni ta' din il-massa ereditarja ssir b'mod indaqs.

19. Kif rajna dak li għad fadal x'jiġi deċiż f'din il-kawża hija t-talba attriċi. Il-kontrotalba hija deċiża u għaldaqstant dan huwa kapitlu magħluq.

20. Fi ftit kliem, dan ifisser li l-eredità ta' Victor Chircop (u dik ta' martu) hija regolata biss mit-testment *unica charta* tat-12 ta' Mejju, 1999 fl-atti tan-Nutar Mary Grech Pace. F'dan it-testment, it-testatur Victor Chircop, fis-seba' artiklu tal-istess testment iddeżereda lil bintu Josephine *sive* Joyce Dimech u lil uliedha b'riħet l-**Artikolu 623 tal-Kodiċi Ċivili** fejn iddikjara li din bintu u wliedha kienu pubblikament sawtuh u ta' din l-imġiba kienu anke nstabu ħatja mill-Qorti tal-Maġistrati. Dan apparti atti oħra ta' moħqrija u diżrispett fil-konfront tal-istess testatur fl-imgħoddi.

21. Induru issa għall-qofol tal-appell imressaq mill-attriċi. L-appellanti ssostni li l-Ewwel Qorti tat interpretazzjoni mijopika tal-liġi li tirregola l-interess ġuridiku. Tgħid li l-premessi f'kawża, għalkemm huma ta' rilevanza għall-għarbiel tal-interess ġuridiku, huma dejjem sekondarji għat-talbiet li tressaq il-parti. Tissokta tgħid li hija talbet dikjarazzjoni li l-partijiet huma eredi tal-ġenituri, li tiġi likwidata l-massa ereditarji u li ssir id-diviżjoni relattiva.

22. Għaldaqstant tgħid li anke jekk it-testment tat-13 ta' Frar, 2015 m'għadux jiswa fil-liġi, xorta waħda għandha l-interess ġuridiku meħtieġ li jkollha dikjarazzjoni li ħuha u hija huma l-eredi tal-ġenituri tagħhom. Skontha, dak li kellha tagħmel l-Ewwel Qorti kien li tara li għal fini tat-testmenti preċedenti u l-liġi l-partijiet kinux eredi tal-ġenituri tagħhom. Kien għalhekk, tissokta tgħid, li l-partijiet wara s-sentenza tal-Qorti tal-Appell tas-27 ta' Ġunju, 2019 iffukaw il-provi tagħhom fuq jekk id-diżeredazzjoni tagħha fit-testment tat-12 ta' Mejju,

1999 kinitx tiswa u jekk il-konvenut appellat kienx persuna denja li tiret skont il-liġi.

23. L-appellanti tgħid li mhux kontestat li hija bint il-mejtin Victor u Cetta Chircop. Targumenta li minkejja li t-testment tat-13 ta' Frar, 2015 ġie dikjarat null, dan ma jnaqqas xejn mill-pożizzjoni legali u fattwali tagħha bħala bint il-mejtin. L-eżistenza tat-testment tat-12 ta' Mejju, 1999 ma jnaqqas xejn mill-pretensjonijiet tagħha, anzi ssaħħaħhom, għaliex fih hija espressament mgħarrfa bħala binthom. Għaldaqstant tgħid li għandha l-interess ġuridiku li tiġi dikjarata bħala l-eredi tal-ġenituri tagħha u għal din ir-raġuni l-kwistjoni tad-diżeredazzjoni trid tiġi mistħarrġa mill-Qorti. Sakemm il-kwistjoni tad-diżeredazzjoni tiġi mistħarrġa hija għandha interess ġuridiku f'dak li jiġri mill-eredità tal-ġenituri, f'dan il-każ dik ta' missierha. Tilmenta li l-Ewwel Qorti naqset li tidħol fil-mertu tad-diżeredazzjoni u sempliċiment saħqet li ġaladarba t-testment tat-13 ta' Frar, 2015 ġie dikjarat null tilfet l-interess ġuridiku biex tissokta bil-kawża.

24. Qabelxejn, din il-Qorti tqis li l-interess ġuridiku huwa l-miżura u l-bażi tal-azzjoni. Ma jistax ikun hemm azzjoni jekk ma jkunx hemm interess ġuridiku. L attur f'kawża jrid ikollu interess li jmexxi bl-azzjoni u jikseb l-ilqugħ tagħha. Dan l-interess irid ikun wieħed dirett, leġittimu u attwali. Biex persuna tressaq talba f'kawża u żżommha ħajja, din it-talba teħtieġ li tkun iġġibilha riżultat siewi u utli. Tassew, jekk l-azzjoni ma tistax twassal għal riżultat bħal dan għal min

iressaqha, dik l-azzjoni ma tistax tirnexxi (ara ***Robert Butler v. Lt. Col. John Philip d'Estoteville Shipwith*** mogħtija mill Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-18 ta' Marzu, 1964, ***Joseph Agius v. Vincent Ellul*** mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-21 ta' Ottubru, 2002 u ***Henry Tabone v. Hilda Demajo deċiża mill-Qorti tal-Appell (Inferjuri)*** fit-3 ta' Novembru, 2004).

25. Ma hemmx dubju li l-Qrati huma aċċessibbli għal kulħadd, iżda huwa magħruf ukoll li min iressaq talba quddiem il-Qrati jrid juri li huwa għandu dritt li ġie lilu miksur u li hu jrid li dak id-dritt jerġa' jiġi mogħti lilu mill-konvenut (ara ***Salvu Mintoff & Sons Ltd v. Road Construction Ltd et*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fit-2 ta' Diċembru, 2005; u ***Tas-Sold Construction Limited et v. Adrian Grech et*** deċiża mill-Qorti tal-Appell deċiża fil-15 ta' Ġunju, 2023).

26. Sfiq ma' dan, jingħad li fl-ordinament ġuridiku Malti jidher ċar illi għalkemm huwa essenzjali li jkun hemm l-interess ġuridiku meta proċedura tiġi proposta, jeħtieġ illi dan l-interess jinżamm ħaj matul iż-żmien kollu ta' dik l-istess proċedura, b'dan illi jekk minħabba xi ċirkostanza li tavvera ruħha waqt il-mori tal-proċedura dik il-proċedura ma tkunx tista' tagħti riżultat vantaġġjuż lil min ikun ressaqha, allura jkun jista' jingħad li l-azzjoni ma tibqax iżjed vijabbli. Kif intqal mill-Qorti tal-Appell (Kompetenza Inferjuri) fil-kawża ***Veronique Amato Gauci et v. Marco Zammit et*** deċiża fid-19 ta' Mejju, 2004: *«Jekk l-azzjoni ma tkunx kapaċi twassal għal tali riżultat utli għal min jipproponiha minħabba fatt sopravvenut għall-istituzzjoni tal-kawża li jeżawrixxi jew jestingwi*

*l-interess, dik l-azzjoni ma tistax treġi*» (ara s-sentenza ta' din il-Qorti tal-20 ta' Jannar, 2022 fil-kawża fl-ismijiet ***Zeynep Buhagiar v. Id-Direttur tad-Dipartiment taċ-Ċittadinanza u tal-Espatrijati et***; dik tal-5 ta' Ottubru, 2023 fil-kawża fl-ismijiet ***Avv. Nicholas Valenzia nomine v. Hermes Aviation Limited***; dik tas-7 ta' Diċembru, 2023 fil-kawża fl-ismijiet ***Louis Scicluna et v. Bank of Valletta plc et***; kif ukoll dik tat-18 ta' Marzu, 2025 fil-kawża fl-ismijiet ***Dr Mark Chetcuti nomine v. Virginia Grima***).

27. Meta titqies l-eċċezzjoni tal-konvenut li kien jonqos fl-attriċi l-interess ġuridiku li tmexxi l-azzjoni, din trid titqies fid-dawl tal-azzjoni mressqa (ara s-sentenza tal-Qorti tal-Appell tas-26 ta' Mejju, 2021 fil-kawża fl-ismijiet ***Victor Azzopardi et v. John Azzopardi et***)

28. Kif diġà esprimiet ruħha din il-Qorti, l-azzjoni attriċi hija dik magħrufa bħala *actio familiae ercisundae*. Huwa ċar mill-premessi u mit-talbiet, li l-attriċi sejset it-talba tagħha fuq il-premessa li hija waħda mill-eredi universali tal-mejjet Victor Chircop u dan billi fit-testment tat-13 ta' Frar, 2015 hekk kienet ġiet nominata. It-talbiet huma dawk li s-soltu jitqiesu f'kawża bħal din fejn allura wieħed jara x'inhi l-massa ereditarji sabiex imbagħad il-Qorti tgħaddi għad-diviżjoni tal-istess.

29. Sakemm it-testment tat-13 ta' Frar, 2015 li fuqu l-attriċi sejset l-azzjoni tagħha kien għadu jiswa f'għajnejn il-liġi, allura l-attriċi kellha l-interess ġuridiku

għall-kawża li ressqet. Kemm hu hekk, il-konvenut ressaq l-eċċezzjoni tiegħu fis-sens li l-interess ġuridiku kien nieqes fl-attriċi billi dan l-aħħar testment kien null (u dwar dan tressqet kontrotalba) u fit-testment ta' qabel, l-attriċi kienet ġiet diżeredata minn missierha.

30. Iżda ladarba dan l-aħħar testment ġie dikjarat li ma jiswiex skont il-liġi, l-Ewwel Qorti kellha raġun issib li l-azzjoni attriċi ma tistax tissokta għaliex naqas fl-attriċi l-interess ġuridiku. Din il-Qorti tinsab perplessa bl-argumenti mressqa 'l quddiem fir-rikors tal-appell u dan għal bosta raġunijiet.

31. Ibda biex, l-appellanti tgħid li l-premessi f'kawża, għalkemm huma importanti, iżda dawn huma sekondarji għat-talbiet. Dwar dan l-appellanti mhux qiegħda tkun siewja fi kliemha. Hawnhekk din il-Qorti trid tara x'inhu l-għerq tal-azzjoni tal-kumpanija attriċi. Il-Qorti titlaq billi tosserva li dak li jgħodd fi kwistjonijiet ta' din ix-xorta, mhuwiex tant it-tifsiriet jew inkella l-bixra li l-partijiet, tajjeb jew ħażin, jippruvaw jagħtu lill-kawża (ara ***Carmel Caruana et v. Onor Prim Ministru Dr. Robert Abela bħala l-Kap tal-Gvern Malti et*** maqtugħa mill-Qorti tal-Appell fl-14 ta' Marzu, 2024).

32. Minflok, dak li tassew iħoll u jorbot kollox huwa dak li jitniżżel mill-attur fil-premessi u fit-talbiet tar-rikors maħluf li bih titnieda l-kawża (ara ***Edward Keninwenimo Etete v. Mediatoday Company Limited*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fit-18 ta' Jannar, 2024). Tassew, ingħad ħafna drabi li huwa biss dak li

jitniżżel fir-rikors maħluf li għandu jistabbilixxi l-qafas li fih il-Qorti għandha tħaddem il-ġudizzju tagħha (ara ***Anthony Busuttil et v. Jennerifer Wendy Busuttil et*** mogħtija mill-Qorti tal-Appell fit-18 ta' Jannar, 2024) u kjarifika li ssir matul is-smigħ tal-kawża ma tista' qatt tbiddel ix-xejra tal-azzjoni li tkun tressqet fir-rikors maħluf (ara ***Ronald Azzopardi v. Giovanni Briffa et*** maqtugħa mill-Qorti tal-Appell fil-25 ta' Frar, 2025).

33. Huma għalhekk il-premessi u t-talbiet li jikxfu l-għan u l-oġġett tal-kawża, li minnhom imbagħad tkun tista' tinstilet in-natura vera tal-azzjoni tal-attur (ara ***Vincent Ciappara et v. Nazzaeno sive Reno Bartolo et*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fil-15 ta' Novembru, 2023). Ta' min jgħid li dan kollu huwa konsegwenza tal-fatt li fis-sistema legali tagħna, huwa mħolli għalkollox f'idejn il-parti attriċi li tagħżel ix-xorta tal-azzjoni li jidhrilha li għandha tressaq sabiex tħares il-jeddijiet li tippretendi li jkollha (ara ***Adrian Theuma v. RLR Limited*** mogħtija mill-Qorti tal-Appell fit-12 ta' Marzu, 2024; kif ukoll, ***L & M Camilleri Limited v. Panor Limited*** mogħtija mill-Qorti tal-Appell fit-8 ta' Mejju, 2025).

34. Ġaladarba jmiss lil min jiftaħ il-kawża li jiddetermina l-kontenut tal-azzjoni tiegħu u jfisser il-kontroversja li l-Qorti trid tiddeċiedi fuqha permezz tat-talbiet tiegħu, dan ikun qiegħed jorbot u fl-istess ħin jillimita lill-Qorti dwar l-oġġett tal-ġudizzju. Tassew, il-Qorti hija marbuta li tiddeċiedi preċiżament fuq id-dritt li fuqu jkunu msejsin it-talbiet u mhux fuq xi dritt ieħor li jkun jirriżulta imma li ma jkunx jidħol sewwa fit-talbiet kif imfissra mill-attur għaliex inkella s-sentenza

tispiċċa tmur *ultra* jew *extra petita* u b'hekk tiġi li ma tiswiex (ara ***Raymond Zammit et v. Paul Caruana et*** maqtugħa mill-Qorti tal-Appell fit-3 ta' Ottubru, 2024).

35. Imwarrab dan il-punt, jingħad li fl-argumenti tagħha l-attriċi qiegħda għalkollox twarrab it-tifsira u l-konsegwenza li ġġib magħha diżeredazzjoni. Bħala stat ta' fatt, l-attriċi llum ġiet diżeredata mill-wirt ta' missierha. Issa kif tfisser mill-Qorti tal-Appell fis-sentenza tagħha tal-31 ta' Mejju, 2019 fil-kawża fl-ismijiet ***Norbert Degabriele et v. Carmelo Degabriele et***, id-diżeredazzjoni hi ċirkostanza eċċezzjonali fejn it-testatur jista' jħalli barra mill-wirt tiegħu lil min bil-liġi għandu dritt li jieħu minn dak il-wirt. Jingħad li hi ċirkostanza eċċezzjonali għaliex fis-sistema ġuridika tagħna t-testatur mhux mogħti l-libertà kollha biex jiddisponi minn ġidu wara mewtu kif jixtieq hu u dejjem jibqa' d-dritt mhux mittiefes tas-sehem riżervat. Kompliet ittenni li, minħabba l-fatt li d-diżeredazzjoni hi ċirkostanza eċċezzjonali, irid ikun hemm raġunijiet serji fejn id-dritt għall-porzjon riżervat saħansitra jiġi miċħud. Għalhekk il-liġi stess telenka b'mod tassattiv dawk ir-raġunijiet li għalihom it-testatur jista' jċaħħad is-sehem riżervat lil min jispetta. Dan jingħad b'riferenza għall-**Artikoli 623** u **630 tal-Kodiċi Ċivili**. Imbagħad skont l-**Artikolu 622 tal-Kodiċi Ċivili**, it-testatur għandu jispjega r-raġuni tiegħu għalfejn għażel id-diżeredazzjoni, liema raġuni ma tistax tkun għajr waħda minn dawk li tipprovdi għalihom il-liġi. Jekk it-testatur jonqos milli jagħmel dan jew ir-raġuni għaliha ma tiġix ippruvata kif jirrikjedi s-**subartikolu 625(1)**, **imbagħad id-diżeredat ikollu biss il-jedd li jirċievi s-**

**sehem riżervat, u dan skont kif jipprovdi l-Artikolu 629**[2] (ara ***Dorothy Grech mart Emanuel v. Deborah Fenech De Fremaux*** tat-8 ta' Frar 2006). Imbagħad skont kif jipprovdi is-**subinċiż tal-Artikolu 615 tal-Kodiċi Ċivili**, is-sehem riżervat huwa jedd ta' kreditu tal-valur kontra l-ġid tal-mejjet.

36. Jiġi b'hekk, li filwaqt li l-appellanti għandha raġun tgħid li d-diżeredazzjoni fil-konfront tagħha (ladarba hija mhux taqbel mal-istess) trid tiġi mistħarrġa mill-Qorti, madankollu tgħid ħażin li jeħtieġ li hija tiġi dikjarata bħala eredi. L-istħarriġ li jrid isir huwa: (i) jekk id-diżeredazzjoni kinitx ġustifikata skont il-liġi u saritx kif meħtieġ mil-liġi; (ii) f'każ li jirriżulta li kienet ġustifikata u skont il-liġi, allura l-attriċi ma tirċievi xejn mill-eredità tal-missier; u (ii) jekk jirriżulta li l-attriċi ma kellhiex tiġi diżeredata, allura hija jkollha biss dritt għas-sehem riżervat. Qatt ma tista' tiġi dikjarata eredi għaliex mhix eredi u b'hekk jista' jkollha biss jedd għal kreditu skont kif imfisser fil-liġi.

37. Mela allura, ladarba l-premessi u t-talbiet huma msejsa u mmirati biex tiġi dikjarata eredi (flimkien ma' ħuha), u li jkun hemm il-likwidazzjoni tal-massa ereditarja u d-diviżjoni tal-istess massa, dan ma jista' qatt ikun. Meta l-kawża ġiet imressqa, ladarba t-testment tat-13 ta' Frar, 2015 kien għadu fis-seħħ hija kellha interess ġuridiku għaliex sakemm dak it-testment ġie dikjarat bħala mhux siewi hija kienet eredi. Iżda minn wara s-sentenza tal-Qorti tal-Appell li kkonfermat is-sentenza tal-Ewwel Qorti u b'hekk it-testment imsemmi ġie ma

[2] Enfasi ta' din il-Qorti.

jiswiex, l-attriċi qatt ma tista' tiġi dikjarata eredi u fl-aħjar ipoteżi għaliha jista' jkollha biss jedd ta' kreditu tal-valur tas-sehem riżervat kontra l-beni tal-mejjet.

38. L-azzjoni kif imressqa qatt ma tista' titqies bħala azzjoni li fiha għandha tiġi mistħarrġa d-diżeredazzjoni tagħha. La fil-premessi u lanqas fit-talbiet ma ssemmi d-diżeredazzjoni u wisq anqas biex jiġi likwidat favur tagħha s-sehem riżervat. Verament il-konvenut fl-eċċezzjonijiet tiegħu jsemmi d-diżeredazzjoni, iżda dan waħdu ma jirradikax l-interess ġuridiku tal-attriċi għaliex din il-Qorti u dik ta' qabilha ma jistgħux imorru lil hemm minn dak mitlub jew jagħtu rimedju meta mhux mitlub. Lanqas jista' jingħad li dan kollu joħroġ *ex necessaria consequentia* minn xi talba oħra li saret. Lanqas huwa ta' rilevanza l-fatt li tressqu l-provi dwar jekk id-diżeredazzjoni kienitx ġustifikata jew le. Stħarriġ bħal dak pretiż mill-attriċi ma jistax isir fl-ambitu ta' dawn il-proċeduri.

39. Fi kliem ieħor, il-fatt waħdu li l-attriċi hija bint il-mejjet Victor Chircop mhux biżżejjed sabiex hija tissokta bl-azzjoni tagħha. Mhux kull interess jista' jissarraf fi dritt ta' azzjoni. Dan għaliex, kif tajjeb kiteb fit-teżi tiegħu ***Joseph Said Pullicino*** (wara Prim Imħallef ta' dawn il-Qrati), intitolata proprju ***The Civil Action with Special Reference to the Element of Interest*** **(Università Rjali ta' Malta, 1961, paġ. 30)**, *«...not every interest is sufficient to ground a right, and further, not every interest which is sufficient to ground a right, is considered to be sufficient for the creation of a legal right»* (ara s-sentenza tal-Qorti tal-

Appell fl-ismijiet ***Agatha sive Agathina Formosa Gauci v. Avukat Dottor Francis Lanfranco et*** maqtugħa fit-28 ta' Novembru, 2003).

40. Għaldaqstant, l-appell tal-attriċi mhux fejjiedi u se jiġi miċħud.

41. Naturalment il-kwistjoni dwar il-validità jew mod ieħor tad-diżeredazzjoni tibqa' mpreġudikata bejn il-partijiet.

**Decide**

Għaldaqstant, għar-raġunijiet fuq imsemmija, din il-Qorti qiegħda **tiċħad** l-appell imressaq mill-attriċi Josephine *sive* Joyce Dimech, bl-ispejjeż kollha kontra tagħha.

Minbarra dan, billi l-Qorti hija tal-fehma wkoll illi r-rikors tal-appell ippreżentat mill-attriċi huwa att għalkollox fieragħ u vessatorju, il-Qorti, wara li rat il-**paragrafu 10 tat-Tariffa A mehmuża mal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili**, qiegħda tikkundanna lill-attriċi tħallas lir-Reġistratur Qrati Ċivili u Tribunali spejjeż addizzjonali ta' ħames mitt ewro (€500).

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Christian Falzon Scerri<br>Imħallef | Josette Demicoli<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
jb